IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2026
COM(2026) 960 final

2026/0196 (BUD)

ITTRA EMENDATORJA Nru 1 GĦALL-ABBOZZ TA' BAĠIT 2027

Ħtiġijiet stmati aġġornati għan-nefqa agrikola
Aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2] , u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

– l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2027, kif adottat mill-Kummissjoni fid-9 ta' Lulju 2026[3],

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Ittra Emendatorja Nru 1 tal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2027 għar-raġunijiet stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

BIDLIET GĦAD-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport ġenerali tan-nefqa u tad-dħul kif ukoll fir-rapporti tad-dħul u tan-nefqa skont it-taqsima huma disponibbli fuq EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2053/oj.

[2] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

[3] COM(2026) 300, 9.7.2026.

Werrej

1. INTRODUZZJONI 3

2. KOSTIJIET TA' FINANZJAMENT TAL-KOSTIJIET TAS-SERVIZZ TAD-DEJN TAS-SELF TA' APPOĠĠ GĦALL-UKRAJNA (USL) 5

3. FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) 5

4. TISĦIĦ TAL-MIŻURI TA' EMERĠENZA TAL-LINJA TAL-KATINA ALIMENTARI TAL-PROGRAMM TAS-SUQ UNIKU 6

5. AĠĠUSTAMENT GĦALL-APPROPRJAZZJONIJIET MITLUBA MILL-ISTITUT EWROPEW TAL-INNOVAZZJONI U T-TEKNOLOĠIJA (EIT) 7

6. RITORN TAL-APPROPRJAZZJONIJIET MILL-IMPRIŻA KONĠUNTA TAĊ-ĊIPEP (JU TAĊ-ĊIPEP) 7

7. TISĦIĦ TAL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) 8

8. AĠĠORNAMENT TAL-FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR SAJD SOSTENIBBLI 8

9. RILAXX TA' RIŻERVA - PROGRAMM TA' INNOVAZZJONI TAD-DIFIŻA AĠLI U RAPIDU (AGILE) 9

10. TISĦIĦ TAL-LINJA TAS-SIKUREZZA NUKLEARI, IL-PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJONI U S-SALVAGWARDJI (INSC) 9

11. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA (INTESTATURA 7) 10

12. ŻIEDA FIL-LIVELL TA' NEFQA AMMINISTRATTIVA U AĠĠUSTAMENT FIT-TABELLA TAL-PERSUNAL BI TĦEJJIJA GĦALL-ADEŻJONI TAL-MONTENEGRO MAL-UNJONI; 15

13. TNAQQIS FL-APPROPRJAZZJONIJIET GĦAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI (CDT) 16

14. ĦTIĠIJIET TA' SALARJI TAL-AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI 16

15. AĠĠUSTAMENTI SPEĊIFIĊI GĦALL-AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U EŻEKUTTIVI. 18

15.1. Tishih tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) 18

15.2. Rilaxx ta' linja ta' riżerva - l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) 18

15.3. Tishih tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) 19

15.4. Tishiġ tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) 19

15.5. Emenda fit-tabella tal-persunal tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA); 20

15.6. Emenda fit-tabella tal-persunal tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ESMA) 20

16. FINANZJAMENT 20

17. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 22

1. INTRODUZZJONI

L-Ittra Emendatorja Nru 1 (AL 1/2027) għall-abbozz ta' baġit għas-sena 2027 (AB 2027) tkopri l-elementi li ġejjin, bħala riżultat ta' informazzjoni ġdida disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509:

— Aġġornament tal-ħtiġijiet għal-linja tal-kostijiet tas-servizz tad-dejn tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna;

— Aġġornament tal-ħtiġijiet stmati, id-dħul assenjat u l-approprjazzjonijiet għan-nefqa agrikola. Minbarra fatturi tas-suq li qegħdin jinbidlu, AL 1/2027 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet fis-settur agrikolu minn wara l-adozzjoni tal-AB 2027 f'Lulju 2026;

— Aġġornament tad-diviżjoni bejn il-linji ta' riżerva u l-linji operazzjonali għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs), filwaqt li jitqiesu l-protokolli l-ġodda mas-Seychelles u Mauritius;

— Tisħiħ tal-miżuri ta' emerġenza taħt il-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku (SMP) biex ikunu kofinanzjati l-miżuri implimentati mill-Istati Membri wara sensiela ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali inklużi l-Influwenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja u d-Deni tal-Ħnieżer Afrikan;

— Tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Impriża Konġunta taċ-Ċipep minħabba żieda fid-dħul assenjat;

— Riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn fi ħdan Orizzont Ewropa mill-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT), wara l-likwidazzjoni tal-Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Manifattura tal-EIT, biex jissaħħaħ il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni;

— Tisħiħ tal-approprjazzjonijiet u tal-persunal għall-parteċipazzjoni tal-Ungerija f'kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE);

— Aġġornament tal-qasma bejn il-linji ta' riżerva u l-linji operazzjonali għall-programm ta' innovazzjoni aġli u rapida fil-qasam tad-difiża (AGILE), wara l-ftehim proviżorju milħuq mill-koleġiżlaturi;

— Tisħiħ tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għas-sikurezza nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u s-salvagwardji bħala parti mill-Wegħda ta' Chornobyl. Iż-żieda hija proposta li tiġi kkumpensata bi tnaqqis ekwivalenti, f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, tal-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari – Proviżjonament tal-linja tal-fond ta' proviżjonament komuni u l-IPA III — Proviżjonament tal-linja baġitarja tal-fond ta' proviżjonament komuni;

— Aġġustamenti għall-intestatura 7 "Amministrazzjoni Pubblika Ewropea":

- Sabiex jiġi inkorporat l-impatt tal-aġġustament tas-salarji ogħla għall-2026 fuq in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet u fuq il-pensjonijiet wara stimi aġġornati dwar il-kapaċità tal-akkwist u l-inflazzjoni, meta mqabbla mal-parametri użati fit-tħejjija tal-AB 2027;
- Tisħiħ fl-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-Parlament Ewropew biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-pagamenti tal-pensjonijiet taħt l-Iskema ta' Pensjoni Volontarja, filwaqt li jitqiesu wkoll is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2025;
- Żieda fil-livell ta' nefqa amministrattiva u aġġustament fit-tabella tal-persunal għall-Kunsill u l-Kummissjoni bi tħejjija għall-adeżjoni tal-Montenegro mal-Unjoni;
- Tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għas-sussidju ta' bbilanċjar liċ-Ċentru tat-Traduzzjoni (CdT), bħala riżultat ta' ħtiġijiet imnaqqsa u żieda fid-dħul mistenni.

— Aġġustamenti għal-livell ta' approprjazzjonijiet għal xi aġenziji deċentralizzati, marbuta mal-aġġornament tas-salarji tal-2026;

— Aġġustamenti ulterjuri ta' diversi aġenziji deċentralizzati u eżekuttivi, kif ġej:

- Tisħiħ tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) biex tirrifletti l-iskeda ta' implimentazzjoni aġġornata għall-pakkett "Sustanza Waħda, Valutazzjoni Waħda" (OSOA)[4]. L-ammonti addizzjonali huma proposti li jiġu kkumpensati bi tnaqqis ekwivalenti tal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE);
- Tisħiħ tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), minħabba l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-prodotti tagħhom[5]. L-ammonti addizzjonali huma proposti li jiġu kkumpensati bi tnaqqis ekwivalenti tal-Programm tas-Suq Uniku;
- Tisħiħ tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) biex jiġi rifless il-ftehim politiku dwar l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi. L-ammonti addizzjonali huma proposti li jiġu kkumpensati bi tnaqqis ekwivalenti tal-Programm EU4Health;
- Tisħiħ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) biex tkopri ż-żieda fil-kostijiet tas-salarji tal-aġenzija;
- Aġġustament tat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA);
- Aġġustamenti tat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA).

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-AL 1/2027 fuq in-nefqa fl-AB 2027 huwa tnaqqis ta' EUR 365,3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 426,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

(F'miljuni ta' EUR)

Programm	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Kost tas-servizzjar tad-dejn tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna	-500,0	-500,0
Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)	-81,1	-127,1
Programm għas-Suq Uniku	78,0	62,5
Orizzont Ewropa	-87,0	-87,0
Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	2,2	2,2
Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs)	0,0	0,0
Programm għal innovazzjoni aġli u rapida fid-difiża (AGILE)	0,0	0,0
Strument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari (INSC)	18,6	18,6
Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)	-18,6	-18,6
Pensjonijiet u Skejjel Ewropej	70,9	70,9
Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	135,9	135,9
Aġġustamenti għal xi aġenziji deċentralizzati	15,6	15,6
Total	**-365,3**	**-426,8**

Aktar informazzjoni dwar kull komponent hija pprovduta fit-taqsimiet li ġejjin.

Il-linji baġitarji rilevanti huma dettaljati fl-anness baġitarju, flimkien mal-aġġornament tad-dħul li jirriżulta mill-bidliet fin-nefqa inklużi f'din l-ittra emendatorja.

4 ĠU L, 2025/2455, 12.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2455/oj.

5 Regolament (UE) 2026/1388 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2026 dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-prodotti tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE).

2. KOSTIJIET TA' FINANZJAMENT TAL-KOSTIJIET TAS-SERVIZZ TAD-DEJN TAS-SELF TA' APPOĠĠ GĦALL-UKRAJNA (USL)

Abbażi tal-projezzjonijiet tal-iżborżi tal-USL sa tmiem it-tielet trimestru tal-2026 u r-rati tal-imgħax, fil-kuntest tal-AB 2027, il-Kummissjoni pproponiet ammont totali ta' EUR 1 150 miljun biex tkopri l-kostijiet tas-servizz tad-dejn tas-self tal-USL.

Mit-30 ta' Settembru 2026, l-iżborżi tal-USL jammontaw għal total ta' EUR 14.9 biljun, meta mqabbla ma' EUR 30.5 biljun previsti fiż-żmien tal-istabbiliment tal-AB 2027. Dan wassal għal spejjeż aktar baxxi ta' finanzjament.

Il-kost finali tas-servizzjar tad-dejn b'hekk titnaqqas b'EUR 500 miljun meta mqabbel mal-AB 2027. Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet tal-linja tal-kost tas-servizzjar tad-dejn skont dan, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
16 07 01	Kost tas-servizzjar tad-dejn tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna	-500 000 000	-500 000 000
Total		**-500 000 000**	**-500 000 000**

Il-ħtiġijiet globali finali ta' EUR 650 miljun għall-2027 huma proposti li jiġu ffinanzjati permezz ta' mobilizzazzjoni ta' EUR 43.1 miljun taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà, mobilizzazzjoni ta' EUR 128.2 miljun taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a) u mobilizzazzjoni ta' EUR 478.8 miljun taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(c). Għalhekk, meta mqabbel mal-AB 2027, ir-rikors għall-Istrument ta' Flessibbiltà jitnaqqas b'EUR 7.2 miljun, ir-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a) jitnaqqas b'EUR 206.9 miljun u r-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(c) jitnaqqas b'EUR 285.9 miljun.

3. FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)

L-IE 1/2027 taġġorna l-istimi għan-nefqa agrikola abbażi tal-aktar data reċenti. Sa Settembru 2026, il-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha informazzjoni aġġornata dwar il-prospettiva għas-swieq agrikoli kif ukoll ċifri reali għall-biċċa l-kbira tal-eżekuzzjoni tal-baġit tal-2026 għall-komponent tal-FAEG taħt ġestjoni kondiviża.

Il-ħtiġijiet ġenerali tal-FAEG għall-2027, inkluża r-riżerva agrikola, issa huma stmati għal EUR 41 864,2 miljun[6]. Din hija żieda ta' EUR 816 miljun meta mqabbla mal-AB 2027, li hija dovuta għal:

1) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 701 miljun għar-riżerva għall-agrikoltura għall-miżuri eċċezzjonali adottati fl-2026 u li għalihom in-nefqa se tiġi ddikjarata fis-sena agrikola 2027;

2) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 95 miljun għall-miżuri tas-suq u l-interventi tal-Istati Membri skont l-artikoli baġitarji 08 02 02 u 08 02 03 wara x-xejra li dehret fl-2026;

3) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 18-il miljun għall-pagamenti diretti skont l-artikolu tal-baġit 08 02 04 and 08 02 05, peress li l-livelli ta' eżekuzzjoni fl-2027 huma mistennija li jibqgħu għoljin, skont ix-xejra li dehret fl-2025 u l-2026;

4) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 2 miljun skont l-artikolu 08 02 06 "Strateġija ta' politika, koordinazzjoni u awditjar".

Fl-2026, ġew adottati miżuri eċċezzjonali taħt ir-riżerva għall-agrikoltura għal ammont ta' EUR 748 miljun. Minn dawn, huwa mbassar li fl-2026 se jitħallsu EUR 47 miljun, filwaqt li EUR 701 miljun se

[6] Il-ħtiġijiet totali jinkludu EUR 40 474,2 miljun f'approprjazzjonijiet ġodda flimkien ma' EUR 676 miljun ta' dħul assenjat mistenni li jingħabar fl-2027, l-ebda surplus għall-2026 u EUR 714 miljun f'riport tar-riżerva agrikola.

jiġu riportati għall-2026 f'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Orizzontali tal-PAK[7]. Dan se jżid ir-riżerva agrikola fl-2026 għal EUR 1 151 miljun, filwaqt li jħalli EUR 450 miljun disponibbli għal miżuri ġodda. Dawn il-miżuri l-ġodda se jiġu ffinanzjati permezz ta' taħlita tal-ammont mhux minfuq tar-riżerva għall-agrikoltura tal-2026 riportat għall-2027 u li għadhom ma ġewx allokati għal miżuri eċċezzjonali (EUR 12,9 milljun) u tal-approprjazzjonijiet ivvutati tal-FAEG għall-2027 (EUR 437,1 miljun).

Min-naħa l-oħra, l-ammont totali ta' dħul assenjat u approprjazzjonijiet riportati (inkluża r-riżerva għall-agrikoltura) li huma mistennija li jkunu disponibbli fl-2027 se jiżdied minn EUR 493 miljun previsti matul it-tħejjija tal-Abbozz tal-Baġit għal EUR 1 390 miljun. Minbarra r-riport ta' EUR 714 miljun tal-approprjazzjonijiet mhux użati taħt ir-riżerva għall-agrikoltura msemmija hawn fuq (li minnhom EUR 701 miljun għall-miżuri adottati u EUR 12.9 miljun mhux allokati fl-2026), l-EUR 183 miljun li jifdal huma relatati l-aktar ma' dħul assenjat ogħla milli mistenni mill-korrezzjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità fl-2027. Għalhekk, l-ammont kombinat ta' EUR 897 miljun se jkopri bis-sħiħ il-ħtiġijiet addizzjonali mistennija fl-2027, imsemmija hawn fuq, li ammontaw għal EUR 816 miljun.

Bħala riżultat ta' dawn l-aġġornamenti, l-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn meħtieġa għall-FAEG huwa ta' EUR 40 474,2 miljun, inklużi EUR 437 miljun ta' approprjazzjonijiet ġodda għar-riżerva għall-agrikoltura. Dan iħalli marġni ta' EUR 116.3 miljun taħt is-sottolimitu tal-FAEG, li bħalissa huwa stabbilit għal EUR 40 590.5 miljun (nett mit-trasferimenti mal-FAEŻR). Bħas-soltu matul is-sena, il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib il-ħtiġijiet għall-FAEG, inkluż għar-riżerva għall-agrikoltura, u se tipproponi soluzzjonijiet baġitarji rilevanti jekk u kif meħtieġ.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
08 02 01	Riżerva għall-agrikoltura	-12 935 508	-12 935 508
08 02 02	Tipi ta' interventi f'ċerti setturi taħt il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	45 000 000	45 000 000
08 02 03	Nefqa relatata mas-suq barra mill-pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	50 000 000	0
08 02 04	Tipi ta' interventi b'pagamenti diretti permezz tal-pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	-172 000 000	-172 000 000
08 02 05	Pagamenti diretti barra mill-pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	6 721 000	6 721 000
08 02 06	Strateġija ta' politika, koordinazzjoni u awditjar	2 150 000	6 150 000
Total		**-81 064 508**	**-127 064 508**

4. TISĦIĦ TAL-MIŻURI TA' EMERĠENZA TAL-LINJA TAL-KATINA ALIMENTARI TAL-PROGRAMM TAS-SUQ UNIKU

Il-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku tappoġġa l-miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri fil-każ ta' tifqigħat tal-mard tal-annimali. L-Unjoni qed tiffaċċja pressjoni sostnuta u bla preċedent minn tifqigħat kbar ta' mard tal-annimali, b'mod partikolari l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja, id-deni tal-ħnieżer Afrikan, il-ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, il-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-marda tal-infafet fil-ġilda. Pereżempju, matul il-perjodu 2021-2026, l-għadd ta' tifqigħat tal-Influwenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja kien sitt darbiet ogħla minn dak taħt il-QFP preċedenti (2014-2020).

Il-Kummissjoni tappoġġa l-miżuri essenzjali ta' emerġenza meħtieġa biex jitrażżnu dawn it-tifqigħat u jiġu limitati l-impatti sanitarji, ekonomiċi u kummerċjali tagħhom, permezz ta' rimborżi *ex post*. Dawn il-miżuri jillimitaw ir-riskju ta' aktar tixrid u kostijiet ogħla fi stadju aktar tard, li jkollhom konsegwenzi

[7] Ir-Regolament (UE) 2021/2116 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj.

sinifikanti għall-funzjonament tas-Suq Uniku, għall-kummerċ ma' pajjiżi terzi u saħansitra għas-saħħa tal-bniedem.

Mill-2021, diġà ġie mobilizzat l-ammont ta' EUR 482 miljun taħt il-Programm tas-Suq Uniku għal dan l-għan. Madankollu, iż-żieda qawwija fil-frekwenza, l-iskala u l-kost tat-tifqigħat qabżet bil-kbir ir-riżorsi disponibbli taħt il-fergħa tal-Katina Alimentari. B'riżultat ta' dan, ir-rati ta' kofinanzjament diġà kellhom jitnaqqsu minn 50–75 % għal 20–30 % għat-tifqigħat mill-2023 'il quddiem. Minkejja dan it-tnaqqis, l-obbligi pendenti għal ftehimiet ta' għotja ffirmati u futuri huma stmati għal madwar EUR 430 miljun, li għalihom madwar EUR 305 miljun biss f'approprjazzjonijiet huma attwalment disponibbli fl-2026 u l-2027. Filwaqt li tifqigħat li jmorru lura għas-sena 2024 jistgħu jiġu koperti mid-disponibbiltajiet eżistenti, huwa meħtieġ ammont addizzjonali ta' EUR 125 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn fl-2026 u fl-2027 biex ikopri r-rimborżi għal tifqigħat li seħħew fl-2025.

Minbarra tisħiħ ta' EUR 47 miljun mitlub fl-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 3/2026[8], huwa propost li jiġu pprovduti l-EUR 78 miljun li jifdal f'approprjazzjonijiet ta' impenn f'din l-Ittra Emendatorja. Fl-istess ħin, EUR 62.5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament huma meħtieġa biex ikopru l-pagamenti ta' kofinanzjament fl-2027.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
03 02 06	Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti	77 993 197	62 500 000
Total		**77 993 197**	**62 500 000**

5. AĠĠUSTAMENT GĦALL-APPROPRJAZZJONIJIET MITLUBA MILL-ISTITUT EWROPEW TAL-INNOVAZZJONI U T-TEKNOLOĠIJA (EIT)

Wara l-prestazzjoni insuffiċjenti u l-likwidazzjoni sussegwenti tal-Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-EIT, l-EIT irreveda l-ħtiġijiet tiegħu għall-2027, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-EIT jipproponi li jirritorna EUR 138 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, li huma proposti li jiġu riallokati lill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni taħt il-Pilastru III ta' Orizzont Ewropa.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
01 02 03 03	L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	-138 214 164	0
01 02 03 01	Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni	138 214 164	0
Total		**0**	**0**

6. RITORN TAL-APPROPRJAZZJONIJIET MILL-IMPRIŻA KONĠUNTA TAĊ-ĊIPEP (JU TAĊ-ĊIPEP)

F'konformità mal-Artikolu 174(14) tal-Att Bażiku Uniku għall-istabbiliment ta' Impriżi Konġunti taħt Orizzont Ewropa[9], EUR 87 miljun ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati taħt Orizzont 2020 ġew ittrasferiti lill-Impriża Konġunta taċ-Ċipep mill-Impriża Konġunta tal-Komponenti u s-Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL) preċedenti tagħha. Skont l-istess Regolament, f'każijiet bħal dawn l-ammont trasferit mill-perjodu preċedenti (2014-2020) għandu jinqata' mill-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha tiġi pprovduta mill-Unjoni lill-impriża konġunta rispettiva fil-

8 COM(2026) 950, 9.10.2026.

9 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Mejju 2021, ĠU L 427, 30.11.2020, p. 17–119

perjodu attwali (2021-2027). Għalhekk, id-dħul assenjat jissostitwixxi l-kontribuzzjoni baġitarja vvutata ppjanata għall-Impriża Konġunta. Għalhekk, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2027 tista' titnaqqas kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
01 02 02 42	Cluster "Diġitali, Industrija u Spazju" — l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep	-87 000 000	-87 000 000
Total		**-87 000 000**	**-87 000 000**

7. TISĦIĦ TAL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE)

Mill-parteċipazzjoni tal-Polonja u tal-Iżvezja fl-2024, 24 Stat Membru kienu qed jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE skont ir-Regolament (UE) 2017/1939[10]. Fl-10 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni kkonfermat il-parteċipazzjoni tal-Ungerija fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE[11], wara n-notifika tal-Ungerija bl-intenzjoni tagħha li tipparteċipa fis-27 ta' Mejju 2026. L-Ungerija saret uffiċjalment Stat Membru parteċipanti tal-UPPE fit-2 ta' Awwissu 2026.

Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li ssaħħaħ ir-riżorsi tal-UPPE billi talloka 16-il kariga addizzjonali fit-tabella tal-persunal u żewġ Esperti Nazzjonali Sekondati għar-reklutaġġ ta' Prosekutur Ewropew u l-funzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa biex jitqies l-ammont ta' xogħol addizzjonali minħabba l-Istat Membru parteċipanti addizzjonali. Għalhekk, huwa propost li l-baġit tal-UPPE jiżdied b'EUR 2,2 miljun biex ikopri n-nefqa marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Ungerija, relatata mas-salarji tal-persunal li għandu jiġi impjegat kif ukoll in-nefqa operazzjonali, inklużi s-salarji ta' 10 Prosekutur Delegat Ewropew addizzjonali li għandhom jinħatru fl-Ungerija, abbażi ta' suppożizzjoni ta' 6 xhur.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
07 10 08	Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	2 223 014	2 223 014
Total		**2 223 014**	**2 223 014**

Il-bidliet relatati fit-tabella tal-persunal huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

8. AĠĠORNAMENT TAL-FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR SAJD SOSTENIBBLI

Il-Kummissjoni eżaminat l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar Sajd Sostenibbli (SFPAs) u rrieżaminat il-ħtiġijiet mistennija għall-2027 abbażi tal-iżviluppi fin-negozjati mal-pajjiżi terzi involuti, kif previst fil-punt C tal-Parti II tal-Ftehim Interistituzzjonali[12]. Abbażi ta' dan ir-rieżami, il-Kummissjoni tipproponi trasferiment ta' EUR 6,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mir-riżerva għal-linja operazzjonali ewlenija SFPA. Dan it-trasferiment newtrali għall-baġit huwa relatat ma' protokolli ġodda mas-Seychelles u Mauritius.

Bl-aġġustament propost, l-approprjazzjonijiet ta' impenn totali disponibbli għall-SFPAs se jammontaw għal EUR 119,9 miljun fir-riżerva u EUR 44,3 miljun fuq il-linja operattiva ewlenija. Fir-rigward ta'

10 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

11 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1701 tal-10 ta' Lulju 2026 li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Ungerija fil-kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

12 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

approprjazzjonijiet ta' pagament, l-ammont totali ta' EUR 168,8 miljun se jinkludi ammont ta' EUR 118,8 miljun fil-forma ta' riżerva.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
08 05 01	Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi	6 450 000	6 450 000
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 08 05 01)*	-6 450 000	-6 450 000
Total		**0**	**0**

9. RILAXX TA' RIŻERVA - PROGRAMM TA' INNOVAZZJONI TAD-DIFIŻA AĠLI U RAPIDU (AGILE)

Fil-25 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet il-Programm għall-Innovazzjoni Aġli u Rapida fid-Difiża (AGILE)[13]. F'konformità mad-dikjarazzjoni leġiżlattiva, finanzjarja u diġitali mehmuża mal-proposta, EUR 115 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 30 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament tqiegħdu f'riżerva.

Wara l-ftehim politiku milħuq mill-koleġiżlaturi fit-trilogu tal-15 ta' Lulju, huwa għalhekk propost li l-approprjazzjonijiet jiġu ttrasferiti mir-riżerva għal-linja operazzjonali AGILE.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (*Riżerva għall-artikolu baġitarju 13 09 01*)	-115 000 000	-30 000 000
13 09 01	Programm għal innovazzjoni aġli u rapida fid-difiża (AGILE)	115 000 000	30 000 000
Total		**0**	**0**

10. TISHIĦ TAL-LINJA TAS-SIKUREZZA NUKLEARI, IL-PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJONI U S-SALVAGWARDJI (INSC)

Bħala parti mill-wegħda tal-UE fis-Summit tal-G7 fi Franza f'Ġunju 2026, il-Kummissjoni impenjat EUR 75 miljun f'finanzjament b'għotjiet għat-tiswija urġenti tal-Konfinament Sikur Ġdid (NSC) fl-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Chornobyl. Ir-restawr kollu tal-NSC huwa essenzjali biex tiġi żgurata s-sikurezza nukleari u jiġu ssalvagwardjati l-investimenti internazzjonali li saru matul l-aħħar deċennji.

Biex tiġi ffinanzjata l-kontribuzzjoni tal-UE, huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-linja baġitarja operazzjonali tal-INSC b'EUR 43 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 18,6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2027. Dan l-ammont huwa kkumpensat bis-sħiħ minn tnaqqis fl-INSC – Proviżjonament tal-linja tal-fond ta' proviżjonament komuni (EUR 24,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn) u fil-linja ta' proviżjonament tal-AMF tal-IPA III (EUR 18,6 miljun kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament).

L-EUR 32 miljun li jifdal biex ikopru l-wegħda ta' Chornobyl huma ppjanati li jiġu ffinanzjati permezz ta' riżorsi diġà disponibbli fl-2026 u l-2027, b'mod partikolari EUR 6,4 miljun minn trasferiment mil-linja tal-għotjiet tal-AMF fl-2026 u EUR 25,6 miljun permezz ta' riprogrammazzjoni u diżimpenji fil-linja baġitarja operazzjonali tal-INSC fl-2026 u l-2027.

Għaldaqstant, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			

[13] COM(2026) 135, 25.3.2026.

14 06 01	Sikurezza nukleari, protezzjoni u salvagwardji mir-radjazzjoni	42 980 446	18 600 000
14 06 02	INSC — Il-proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni	-24 380 446	0
15 02 02 03	IPA III — proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni	-18 600 000	-18 600 000
Total		**0**	**0**

11. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA (INTESTATURA 7)

F'dan l-IE 1/2027, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi aġġustamenti għall-intestatura 7 "Amministrazzjoni Pubblika Ewropea" fir-rigward tal-impatt taż-żieda fl-aġġustament tas-salarji għall-2026 fuq in-nefqa amministrattiva fl-2027.

Nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet

Fit-tħejjija għall-abbozz tal-baġit tal-2027, il-Kummissjoni applikat il-prinċipji ta' persunal stabbli u żieda ta' massimu ta' 2 % fin-nefqa mhux relatata mas-salarji għall-istituzzjonijiet kollha. Il-Kummissjoni rrevediet it-talbiet ta' istituzzjonijiet oħra biex tippreżenta abbozz ta' baġit li jirrispetta l-obbligi legali kollha u l-prinċipji tal-QFP. Bl-istess mod, il-Kummissjoni applikat dixxiplina stretta għan-nefqa mhux relatata mas-salarji tagħha stess, u llimitat iż-żieda għal +1.8 % biss, sabiex tnaqqas ir-rikors meħtieġ għal strumenti speċjali.

Sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal riveduti fl-2014, il-livell tal-aġġornament tas-salarji u l-pensjonijiet għall-persunal tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-UE huwa bbażat fuq metodoloġija mhux diskrezzjonali li tinkludi żewġ elementi. L-ewwel element - l-Indikatur Speċifiku Globali (GSI) - huwa l-evoluzzjoni netta tal-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali minn basket ta' 10 Stati Membri[14], li jirrappreżentaw mill-inqas 75 % tal-PDG tal-UE. It-tieni element – l-Indiċi Konġunt (JI, Joint Index) – iqis l-inflazzjoni fil-Belġju u l-Lussemburgu. L-awtomatiċità tal-metodu ta' aġġornament tas-salarji tiżgura li s-sistema tirrifletti kemm l-avvenimenti fl-ekonomija reali kif ukoll id-deċiżjonijiet mill-Istati Membri, kif ikkonfermat mill-Eurostat bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika. L-aġġornament tas-salarji ta' Lulju 2026 jinsab fil-livell ta' +4,1 % huwa ogħla mill-+2,2 % previst matul it-tħejjija tal-AB 2027.

Filwaqt li r-rapport finali tal-Eurostat se jiġi ppubblikat mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru, u r-rapport korrispondenti tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew se jiġi adottat f'Novembru, proposta biex jiġu aġġustati l-approprjazzjonijiet baġitarji biex jitqiesu l-aktar parametri reċenti hija ġġustifikata f'dan l-istadju tas-sena baġitarja, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u akkuratezza baġitarja. Konsegwentement, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra kkalkulaw mill-ġdid in-nefqa fuq is-salarji tagħhom. Dan iżid in-nefqa fuq is-salarji b'EUR 127,7 miljun meta mqabbla mal-istimi fl-AB 2027.

Barra minn hekk, it-talba għan-nefqa fuq il-pensjonijiet tiżdied b'EUR 62,5 miljun, u t-talba għall-Iskejjel Ewropej b'EUR 8,5 miljun.

Għall-Parlament Ewropew, ġie inkluż tisħiħ addizzjonali ta' EUR 10,0 miljun għall-Iskema ta' Pensjoni Volontarja ("l-iskema").

Sa mit-twaqqif tal-Iskema ta' Pensjoni Volontarja addizzjonali fl-1990, il-Bureau tal-Parlament Ewropew ("il-Bureau") intervjena diversi drabi biex itejjeb is-sostenibbiltà tal-fond stabbilit għall-ġestjoni tal-assi u l-pagamenti ("il-fond"). Wara dawn il-miżuri, is-sostenibbiltà finanzjarja tal-fond tjiebet u t-tul tal-ħajja tiegħu ġie estiż. Barra minn hekk, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2025 ikkonfermaw il-legalità ta' dawk il-miżuri u b'hekk ipprovdew ċertezza legali definittiva fir-rigward tal-validità tal-qafas attwali li jirregola l-iskema.

[14] BE, DE, ES, FR, IT, LU, NL, AT, PL u SE.

Minkejja dawn l-iżviluppi, abbażi ta' projezzjonijiet attwarji reċenti, il-fond huwa mistenni li jkun eżawrixxa l-assi tiegħu sa mhux aktar tard minn tmiem l-2026 u għalhekk mhux se jibqa' f'pożizzjoni li jissodisfa l-obbligi tiegħu minn hemm' il quddiem. Dan l-eżawriment mistenni jaffettwa l-kapaċità tal-fond li jkompli jeżegwixxi l-pagamenti tal-pensjoni ta' kull xahar iżda, madankollu, ma jtemmx id-drittijiet għall-pensjoni miksuba tal-benefiċjarji u lanqas id-drittijiet futuri taħt l-iskema li jirriżultaw b'mod partikolari mill-Istatut għall-Membri.

F'dan il-kuntest, fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2026, il-Bureau ddeċieda li, mill-1 ta' Jannar 2027, il-pagamenti tal-pensjoni taħt l-iskema se jiġu eżegwiti direttament mit-taqsima tal-baġit tal-Parlament, li għaliha huwa għalhekk mitlub ammont addizzjonali ta' EUR 10 028 000.

Il-kumment baġitarju korrispondenti tal-linja baġitarja 1 0 3 3 se jiġi aġġornat b'mod korrispondenti: *Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri ~~l-kontribuzzjoni tal-Parlament Ewropew għall-iskema ta' Pensjoni Volontarja għall-Membri~~, il-pagament mill-Parlament Ewropew tal-pensjoni volontarja lill-ex Membri, lis-sħab superstiti tagħhom u lit-tfal dipendenti tagħhom, f'konformità mar-regoli tal-iskema ta' pensjoni volontarja."*

Impatt ġenerali u dettaljat skont it-Taqsimiet

B'mod ġenerali, il-proposta hija li tiżdied in-nefqa mhux differenzjata tal-intestatura 7 (Amministrazzjoni Pubblika Ewropea) b'EUR 208,8 miljun għall-AB 2027, li teħtieġ rikors ulterjuri għall-Istrument ta' Marġini Uniku. Dan jikkorrispondi għal żieda ta' EUR 137,8 miljun għan-nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet, EUR 62,5 miljun għall-pensjonijiet tal-istituzzjonijiet kollha u EUR 8,5 miljun għall-Iskejjel Ewropej.

Fil-każ tal-Intestatura 7, l-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

	Abbozz tal-Baġit 2027	**Ittra Emendatorja 1/2027**	**Abbozz tal-baġit 2027 inkluż IE1/2027**
Pensjonijiet u Skejjel Ewropej	**3 466 019 747**	**70 949 186**	**3 536 968 933**
Pensjonijiet	3 178 852 000	62 453 000	3 241 305 000
Skejjel Ewropej	287 167 747	8 496 186	295 663 933
Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	**10 193 280 870**	**137 796 517**	**10 331 077 387**
Kummissjoni	4 691 408 813	68 724 193	4 760 133 006
Istituzzjonijiet oħra	5 501 872 057	69 072 324	5 570 944 381
Il-Parlament Ewropew	2 654 274 753	40 036 383	2 694 311 136
Kunsill	752 724 665	9 025 199	761 749 864
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	555 075 777	7 937 648	563 013 425
Qorti tal-Awdituri	205 670 000	3 289 000	208 959 000
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	183 122 221	1 995 747	185 117 968
Il-Kumitat tar-Reġjuni	138 750 785	1 649 347	140 400 132
L-Ombudsman Ewropew	16 633 612	267 000	16 900 612
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	30 262 189	372 000	30 634 189
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	965 358 055	4 500 000	969 858 055
Total	**13 659 300 617**	**208 745 703**	**13 868 046 320**

Aġġornament tas-salarji

L-impatt dettaljat skont it-taqsima, f'rabta mal-impatt tal-aġġustament miżjud fis-salarju minn Lulju 2026 huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet
Taqsima I - Il-Parlament Ewropew		
1 0 0 0	Salarji	1 874 159
1 0 2	Allowances tranżitorji	24 354
1 0 3 1	Pensjonijiet tal-invaliditàˆ (PEAM, Rules governing the payment of expenses and allowances to Members)	0
1 0 3 2	Pensjonijiet tar-riverżjoni (PEAM)	35 881
1 0 3 3	Skemi ta' pensjonijiet volontarji għall-Membri	10 028 000
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	18 452 454
1 2 0 2	Sahra mħallsa	874
1 2 2 0	Allowances għall-persunal irtirat mix-xogħol jew li jingħata l-liv fl-interess tas-servizz	95 744
1 4 0 0	Aġenti oħra — Segretarjat Ġenerali u gruppi politiċi	1 856 650
1 4 0 1	Aġenti oħra — Sigurtà	1 059 507
1 4 0 2	Aġenti oħra — Xufiera fis-Segretarjat Ġenerali	197 036
1 4 0 4	Traineeships, esperti nazzjonali sekondati, skambji ta' uffiċjali u żjarat ta' studju	318 401
1 4 0 5	Nefqa fuq l-interpretazzjoni	1 196 331
4 2 2	Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari	4 896 992
Subtotal tat-Taqsima I		**40 036 383**
Taqsima II — Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill		
1 0 0 0	Salarju bażiku	9 000
1 0 0 1	Intitolamenti marbutin mal-post tax-xogħol okkupat	2 000
1 0 1 0	Benefiċċju tranżitorju	4 000
1 1 0 0	Salarji bażiċi	6 627 353
1 1 0 1	Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mal-post tax-xogħol okkupat	36 000
